

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni****(Każ COMP/M.5684 – BNP Paribas Assurance/Fortis Insurance International/UBI Assicurazioni)****Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/C 272/11)

1. Fl-4 ta' Novembru 2009, il-Kummissjoni rċeviet notifikazzjoni ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (<sup>1</sup>) dwar l-Għaqdien li biha l-impriża Fortis Insurance International N.V., ikkontrollata minn Fortis SA/NV u Fortis NV, ("Fortis Insurance", l-Olanda/il-Belġju) u BNP Paribas Assurance, li hija parti minn BNP Paribas group, ikkontrollat minn BNP Paribas SA ("BNP Paribas group", Franza) se takkwista l-kontroll konġunt ta' UBI Assicurazioni S.p.A. ("UBI Assicurazioni", Italy) permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-aktivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal BNP Paribas group: attivitajiet bankarji u tal-assigurazzjoni,
- għal Fortis Insurance: attivitajiet finanzjarji u tal-assigurazzjoni; kif ukoll,
- għal UBI Assicurazioni: attivitajiet ta' assigurazzjoni minbarra tal-ħajja, fl-Italja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (<sup>2</sup>) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikkazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301 jew 22967244) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5684 – BNP Paribas Assurance/Fortis Insurance International/UBI Assicurazioni, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Reġistru tal-Amgamazzjonijiet  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

(<sup>1</sup>) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

(<sup>2</sup>) ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32.